# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Emanuel Attard**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Emanuel Attard**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 205666M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar l-10 ta' Lulju 2014 u fix-xhur ta' qabel din id-data fil-limiti ta' Triq il-Kbira, Sqaq numru 3, Ħaż-Żebbuġ :

(1) Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

(2) U aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi inġurja u/jew hedded lil Justin Camilleri u Anthea Abela permezz ta' tfiegħ ta' ġrieden mejtin quddiem l-għatba tagħhom fost kliem ta' disprezz;

(3) U aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Justin Camilleri u lil Anthea Abela meta kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju għall-imsemmija persuni;

(4) U aktar talli bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Justin Camilleri u Anthea Abela biża li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra proprjeta tagħom;

Rat l-atti u d-dokumenti ippreżentati;

Semgħet il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-imputat u l-parte civile huma ġirien. Huma joqgħodu fi sqaq. Il-fondi rispettivi għandhom il-bibien tar-residenzi tagħhom viċin ħafna ta' xulxin. L-isqaq huwa wieħed relattivament dejjaq. Jirriżulta li f'Marzu 2014 il-Pulizija kienu sejħu lill-imputat biex ineħħi l-vann li kien jipparkja fil-jew quddiem l-isqaq. Il-Pulizija kienu pproċedew fuq denunzja li l-imputat kien qiegħed jostakola l-isqaq bil-vann tiegħu ipparkjat hemmhekk. Ma jirriżultax min għamel din id-denunzja; iżda jidher li l-imputat huwa konvint li dawk li kienu l-parte civile li kienu rrapurtawh.

Minn hemm bdew diversi inċidenti bejn il-partijiet li waslu għal proċeduri quddiem din il-Qorti deċiżi fis-6 ta' Ġunju 2014 li spiċċaw billi l-partijiet irtiraw il-kwereli rispettivi, talbu lil Qorti biex jiġu meħlusa milli jwieġbu għal mistoqsijiet li bir-risposta tagħhom huma setgħu jinkriminaw lilhom infushom stante l-involviment rispettiv tagħhom fil-fatti li taw lok għall-kwereli reċiproċi u inoltre obbligaw ruħhom fl-atti tal-Qorti li bl-ebda mod ma jimmostaw jew jivvessaw lil xulxin.

Issa jirriżulta mix-xiehda tal-parte civile li bejn id-data ta' din is-sentenza fis-6 ta' Ġunju 2014 u l-10 ta' Lulju 2014 ma kienx hemm inċidenti oħra bejniethom.

Anthea Camilleri tgħid li :-

> *tlajna l-Qorti f'Gunju fejn ġejna obbligati nħallu lil xulxin fil-kwiet, dan dam biss xahar u ftit granet għax fl-10 ta' Lulju, konna kiena u Justin fuq il-bejt, qiegħdin nieklu u smajna lil Emanuel Attard dieħel, jidgħi, jgħajjat u joffendina.*

Justin Camilleri jgħid : -

> *Iva l-istess Magistrat prattikament u bażikament biex inħallu lil xulxin bi kwietna, għamilna xahar fil-paci, ma kellna l-ebda problema ta' xejn biss reġgħet seħħet problema fl-10 ta' Lulju...*

Jibda' għalhekk biex jingħad li ladarba l-inċidenti li kien hemm preċedentement din il-Qorti kienet diġa ħadithom in konsiderazzjoni meta trattat il-kawża fis-6 ta' Ġunju 2014, ma tqisx li jkun *safe and satisfactory* li terġa tinvoka l-istess fatti f'dan il-każ u b'mod partikolari biex tagħmel l-analiżi tagħha jekk l-imputat jistax jinstab ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet. Dan peress li fid-dawl tal-istqarrijiet tal-parte civile fis-sens li bejn id-data tas-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2014 u l-10 ta' Lulju 2014 ma kienx hemm inċidenti oħra, biex din il-Qorti tkun tista'

ssib ħtija fl-imputat fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjoni bilfors trid tagħmel riferenza għall-inċidenti li seħħew qabel Ġunju 2014 u li dwarhom din il-Qorti kienet tat id-deċiżjoni tagħha. Dan għaliex it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet jirrikjedu "*course of conduct*" pruvat u li jeħtieġ aktar minn inċident wieħed bejn il-partijiet u li jkun mifrux fuq spazju temporali li f'dan il-każ bilfors ikun irid jikkonfina fil-fatti li taw lok għall-proċeduri deċiżi f'Ġunju 2014. Din il-Qorti għalhekk ma tqisx li f'dan il-każ jista' jiġi pruvat dak il-*course of conduct* meħtieġ biex issib lill-imputat ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet f'dan il-każ.

Illi pero nhar l-10 ta' Lulju jirriżulta li inqala' inċident meta l-parte civile kienu krew skip waqt li kienu qegħdin jagħmlu x-xogħolijiet strutturali fid-dar tagħhom. Jirriżulta li l-imputat kien urtat minħabba l-fatt li skontu l-parte civile kienu qegħdin jarmu ħafna żibel u ħmieġ anke tal-klieb u li dan kollu kien ġab il-wirdien.

Il-parte civile jtennu li huma kienu krew skip bil-permess u li dan l-iskip dam bejn l-10 u l-11 ta' Lulju 2014. Jirriżulta pruvat li l-imputat stqarr diversi kliem dispreġjativi, inġurjużi u ta' tgħajjir kontra l-parte civile. Ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat beda jgħajjat kontra l-parte civile b'mod li jintegra r-reat ta' ksur tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Dan peress li l-istess għajjat u storbju kien akkumpanjat minn atti li jnaqsu l-element ta' sikurezza pubbliku kif ukoll dik individwali. Kemm mill-mod kif il-kliem ġie pruvat mistqarr

kif ukoll bl-imġieba tal-imputat jirriżulta li huwa ħoloq apprensjoni fil-moħħ tal-parte civile li setgħa jkun hemm ħsara lilhom jew lil proprjeta tagħhom.

Il-kliem li ġie pruvat użat mill-imputat versu l-parte civile kien li *inter alia* għajjarhom "maħmuġin". Iżda l-kliem ma waqafx hemm iżda ħa wkoll il-forma ta' theddid meta l-imputat stqarr li kien sejjer jaqbad lil Justin Camilleri u jwadbu mit-tieqa għal isfel.

Jirriżulta pruvat ukoll li fid-9 ta' Lulju 2014 kien hemm inċident ieħor fejn jirriżulta li l-imputat ixxutja darbtejn ras ta' ġurdien żgħir (li kien mejjet) lejn id-direzzjoni ta' wieħed mill-bibien tad-dar tal-parte civile. Mill-provi prodotti din il-Qorti mhix moralment konvinta li dan il-ġest kien wieħed maħsub u volut li jkun ta' theddid jew li jkun inġurjuż fil-konfront tal-parte civile. Qabel xejn ma ġiex pruvat li din ir-ras tal-ġurdien kienet imqegħda fil-post appositament mill-imputat u maħsuba li tkun forma ta' theddida reali, stil mafjuż, kontra l-parte civile. Anzi il-Qorti jidhrilha li l-imputat sab din ir-ras ta' ġurdien żgħir quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu u f'ġest pikuż u pwerili xxuttja għal darbtejn din ir-ras ta' ġurdien żgħir lejn id-direzzjoni ta' wieħed mill-bibien tal-parte civile.

Il-Qorti temmen, sal-grad tal-probabbli it-teżi tad-Difiża fis-sens li l-episodju tal-ġurdien ma kienx li jagħmel theddida lill-parte civile, iżda

aktar minn ħaġ'oħra li jeħles minn din ir-ras ta' ġurdien żgħir minn quddiem biebu u xxuttjah lejn id-direzzjoni tal-bieb tal-ġar. Din l-interpretazzjoni hija wkoll in sintonija mat-teżi tiegħu, li dak il-ħmieġ kienu ġabuh il-parte civile u mhux hu – u għalhekk f'moħħu kellhom jitqannew bih huma.

Dil-Qorti ma tistax tqis dan il-ġest bħala li jaqa' taħt it-tifsira tar-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni – jew li saħansitra jista jiġi meqjuż bħala parti minn xi *course of conduct* li jista' jintegra t-tielet u/jew ir-raba' imputazzjoni. Għalkemm huwa minnu li kien diġa inbena ċertu attrit bejn l-imputat u l-parte civile, il-Qorti ma tħossiehx moralment konvinta li l-inċident tad-9 ta' Lulju 2014 u dak tal-10 ta' Lulju 2014 kienu – almenu sa' dak il-mument – magħqudin f'katina waħda li jistgħu jintegraw l-element tal-*course of conduct* pertinenti għat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet.

Għalhekk filwaqt li l-Qorti tqis li r-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni huwa integrat għar-rigward tal-kliem mistqarr mill-imputat lill-parte civile, il-Qorti ma ssibx li dan ir-reat huwa integrat ukoll minħabba l-inċident fejn l-imputat ixxuttja ras il-ġurdien żgħir lejn id-direzzjoni ta' wieħed mill-bibien tal-parte civile.

Il-Qorti tifhem li minħabba l-avvenimenti kif kienu qegħdin jiżviluppaw bejn l-imputat u l-parte civile dak iż-żmien, il-parte civile ma kienux

qegħdin iħossuhom komdi f'dik is-sitwazzjoni emerġenti u li kienu wkoll bdew jibżgħu mill-attitudni li bdiet issir dejjem aktar ostili lejhom da' parti tal-imputat. Fil-fatt il-Qorti setgħet tinnota li l-parte civile bdew isiru dejjem aktar imħasbin bl-attitudni tal-imputat lejhom tant li bdew isiru dejjem aktar sensittivi lejn kull ħoss jew kelma li kienet bdiet ħierġa minn fomm l-imputat. Beda jiġrilhom bħal dak il-kelb il-mismut li f'daqqa waħda kull ilma beda jaħsbu misħun. Biss is-sitwazzjoni bejn il-partijiet anke f'dak l-istadju kienet tidher li saret peżanti u l-atteġġjament ostili tal-imputat versu l-parte civile ġie ampjament ippruvat – anke f'dak l-istadju.

## ***Decide***

Li qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontrih u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontrih u wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali tikkundannah għal ammenda komplessiva ta' mitt euro (€100).

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Justin Camilleri, Anthea Camilleri u l-familjari kollha tagħhom il-Qorti qegħda toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-ħati skont id-digriet li qiegħed jiġi anness ma din is-sentenza u li tifforma parti integrali minnha.

*Mogħtija illum id-9 ta' Diċembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

*Aaron M. Bugeja.*